# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 21**

**Rikors numru 603/14/1 SM**

**George Mallia**

**v.**

**Qormi Football Club, Redeno Apap, Marco Ciantar u Victor Schembri**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fit-8 ta' Lulju, 2014, u li jaqra hekk:

> "Illi l-esponenti ppresta servizzi lill-Qorti Football Club ghal diversi snin u kien jithallas ammonti akkont;
>
> Illi f'Mejju 2012, l-esponenti u l-ufficjali tal-Qormi Football Club ghamlu l-kontijiet fejn irrizulta illi l-Qormi Football Club kienet ghadha debitrici tal-esponenti fis-somma ta' hdax l-elf u disa mitt Euro (€11,900);

Illi permezz ta' skrittura datata 30 ta' Gunju 2012 (Dok. A), l-ufficjali tal-Qormi Football Club rrikonoxxew dan id-debitu u l-istess ufficjali, cioe l-intimati Redeno Apap, Marco Ciantar u Victor Schembri ggarantew personalment il-hlas ta' din is-somma f'kaz illi 'the Club does not pay this amount'.

Illi ghalkemm ghaddew aktar minn sentejn minn din l-iskrittura, ebda ammont ma thallas mill-Qormi Football Club u/jew mill-intimati l-ohra.

Illi permezz ta' ittra ufficjali tal-15 ta' April 2014, mibghuta a tenur tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti nterpella lill-intimati cioe Qormi Football Club bhala dibitur principali u l-intimati l-ohra bhala garanti solidali biex ihallsu dan id-debitu, izda permezz ta' nota tad-229 ta' Mejju, 2014, l-intimati kollha rrespingew u kkontestaw t-talba tal-esponenti; ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant r-rikorrenti qed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-intimati *in solidum* ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hdax l-elf u disa mitt Euro (€11,900) ghal servizzi pprestati lill-Qormi Football Club fis-snin 2010 u 2011.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' April, 2014, u bl-imghax legali mill-15 ta' April 2014 kontra l-intimati li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"(1) Illi in linea preliminari, l-intimati jirrilevaw li l-mertu ta' din il-kawza diga` gie deciz definittivament u kwindi huwa '*res judicata*' permezz tad-decizjoni tal-1 t'Ottubru 2013 tal-'*Players, Coaches, Players' Agents and Member Clubs Complaints Board'* tal-'*Malta Football Association*', li huwa tribunal tal-ewwel istanza mwaqqaf skond l-istatut tal-imsemmija assoccjazzjoni, fejn it-talbiet tar-rikorrenti gew michuda u r-rikorrenti naqas milli jikkontesta tali decizjoni kif altrimenti jipprovdi l-istess statut;

(2) Illi bla hsara ghas-suespost, u wkoll in linea preliminari, l-intimati jirrilevaw l-intempestivita` tal-azzjoni peress li r-rikorrenti jinhtieg l-awtorizzazzjoni espressa tal-organi kompetenti tal-'*Malta Football Association*' sabeix iressaq l-azzjoni tieghu, u dan kif stipulat ukoll fl-istatut tal-imsemmija assoccjazzjoni;

(3) Illi bla hsara ghas-suespost, l-intimati jirrilevaw li t-talbiet tar-rikorrenti huma milquta bil-preskrizzjoni kif stipulate fl-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li r-rikorrenti kien inghaqad

mal-klabb intimat bhala plejer tal-futbol b'salarju mensili, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza;

(4) Illi bla hsara ghas-suespost, ebda somma m'hija dovuta mill-intimati lir-rikorrenti;

(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju, 2017, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"40.1.Takkolji l-ewwel risposta ta' natura preliminari sollevata mill-intimati;

40.2. Tiddikjara li l-mertu tal-procedura odjerna gia` gie deciz definittivament u ghalhekk ghadda in gudikat;

40.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

40.4. Tiddikjara li ghalhekk hi prekluza milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;"

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat:

12. Illi din is-sentenza hi limitata ghall-epurazzjoni tal-imsemmija tliet (3) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati fuq elenkati, (ara paragrafu numru hdax punt sebgha, (11.7.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

13. Illi r-rikorrenti kien trasferit mal-*club* intimat permezz ta' ftehim datat it-30 t'Awwissu, 2010, (ara foll 21);

14. Illi l-kuntratt bejn ir-rikorrenti u l-*club* intimat ghas-servizzi kalcistici tal-istess jirrizulta li hu dak datat il-31 t'Awwissu, 2010, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

15. Illi l-artiklu 87(vii) tal-Istatut tal-*Malta Football Association* jistipula s-segwenti:

"Players shall submit themselves to the jurisdiction of the Association and to the jurisdiction of FIFA. This shall include disputes which they may have with the Member Club with which they are registered or were registered";

16. Illi tenut kont tal-gurisdizzjoni esklussiva indikata fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li r-rikorrenti kien intavola l-ilment tieghu quddiem l-organu appozitu tal-Assocjazzjoni *de quo*, liema ilment kien deciz fit-2 t'Ottubru, 2013, (ara foll 29);

17. Illi fid-decizjoni tieghu il-Bord *de quo* kien iddikjara li l-ilment sottomess mir-rikorrenti kien preskritt *ai termini* tal-artiklu 50(4) tal-*MFA Handbook*, (ara foll 29);

18. Illi skont l-artiklu 64(7) tal-Istatut tal-istess Assocjazzjoni jirrizulta li l-lanjant - ir-rikorrenti odjern, kellu l-fakolta` li jappella mill-imsemmija decizjoni *stante* li dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

"Any party who feels aggrieved by a decision of the Board may appeal to the Appeals Board of the Association. Filing of the petition of appeal, the procedure and the hearing of appeals are regulated by the rules relative to the Appeals Board established in this Statute";

19. Illi jirrizulta pero` li r-rikorrenti m'izufruwiex ruhhu minn din il-fakolta` u naqas li jressaq l-appell li kien intitolat li jissottometti lill-Bord tal-Appelli in dizamina;

20. Illi minflok, ghazel jabbanduna l-procedura fi hdan l-Assocjazzjoni *de quo* u jintavola minflok il-procedura odjerna, u dan, minghajr id-debita awtorizzazzjoni tal-Assocjazzjoni kalcistika lokali kif rikjest mill-Istatut tal-istess fuq riferit;

21. Illi konsegwentement il-procedura mehuda fi hdan l-Assocjazzjoni *de quo* ghaddiet in gudikat;

Ikkunsidrat:

22. Illi sorvolati l-fatti fir-rigward, tigi indirizzata preliminarjament l-eccezzjoni rigwardanti ir-***res judicata***;

23. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et***, datata l-***25 ta' Settembru, 2003***, fejn gew ezaminati r-rekwiziti li jikkostitwixxu il-gudikat, fejn kien konkluz li:

"Dawn l-elementi huma l-istess oggett (***eadem res***), l-istess partijiet (***eadem personae***), u l-istess mertu (***eadem causa petendi***) ...

"...kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat";

Ikkunsidrat:

24. Illi biex tigi deciza l-eccezzjoni tal-gudikat sollevata mill-intimat, u biex b'hekk jigi deciz jekk bil-procedura prezenti jirrizultax li r-rikorrenti hux qed jitlob dak li gia` gie michud lilhu mill-Bord in dizamina bid-decizjoni tieghu tat-2 t'Ottubru, 2013, (ara foll 29), ghandu l-ewwel isir ezami tar-rekwiziti riferiti fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

25. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Rabat Construction Limited vs. Cutajar Construction Company Limited*** datata d-***9 ta' Jannar, 2002***, il-***Prim-Awla tal-Qorti Civili*** esponiet bi kjarezza l-element tal-***eadem res*** u spjegat hekk:

"...***Eadem res,*** u din jinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Il-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara, sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedenti. Min dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-qrati;

Mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` tal-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwisjtoni mqajma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` tal-oggett".

Ikkunsidrat:

26. Illi in vista tal-premess jirrizulta li r-rikorrenti gia` ressaq l-istess ilment quddiem il-Bord tal-Ilmenti tal-Assocjazzjoni lokali tal-*football*, (ara foll 26 u 29);

27. Illi fil-procedura odjerna l-istess rikorrenti qiegħed jissottometti l-istess talbiet precedentement sottomessi quddiem l-imsemmi Bord taht l-Istatut tal-Assocjazzjoni fuq indikata;

28. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta palezi l-identita` tal-oggett *stante* li fiz-zewg proceduri r-rikorrenti talab li jithallas l-istess ammont ta' €11,900.00 lilhu dovuti;

29. Illi jirrizulta li l-Bord de quo kien gia` ddecieda l-vertenza li kien hekk kolpit biha bid-decizjoni tieghu tat-2 t'Ottubru, 2013, (ara foll 29);

30. Illi konsegwentement jissussisti l-element tal-***eadem res***;

Ikkunsidrat:

31. Illi fir-rigward tar-rekwizit koncernanti l-***eadem personae*** issir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et***, datata l-***25 ta' Settembru, 2003***, li sosstniet li:

"L-element tal-identita` tal-persuni huwa wkoll fondamentali u ta' siewi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikatghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rapprezentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, wkoll jekk l-ezitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorieh";

32. Illi f'dan ir-rigward jinghad li jirrizulta debitament assodat li l-persuna li inizjat il-proceduri kemm quddiem il-Bord fuq riferit u quddiem il-qorti odjerna, hi l-istess wahda;

33. Illi konsegwentement jirrizulta ukoll li r-rekwizit tal-***eadem personae*** hu wkoll debitament sodisfatt;

Ikkunsidrat:

34. Illi fir-rigward tar-rekwizit koncernanti l-**eadem causa petendi** issir riferenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Adrian Caruana***, datata d-***29 ta' Lulju, 2015***, fejn issir riferenza ghall-insenjament tal-Professur Caruana Galizia fin-*"Notes on Civil Law"* tieghu, fejn jispjega li l-*causa petendi* hi:

"...the title on which the demand is based";

35. Illi ghalhekk, it-titolu in meritu jikkonsisti fil-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat;

36. Illi konsegwentement dan ir-rekwizit partikolari jirrikjedi li "the cause of the claim" kif kontenut fit-talba l-gdida, (f'dan il-kaz, fil-

kawza odjerna), ikun l-istess bhal dak kontenut fit-talba precedenti, (f'dan il-kaz, dik sottomessa quddiem il-Bord fuq riferit), u li wkoll tkun giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat;

37. Illi ghalhekk biex tigi kristallizzata l-kundizzjoni tal-***eadem causa petendi***, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida posterjuri trid tkun fundata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti u, liema talba precedenti tkun sussegwentement giet determinata b'sentenza li ghalddiet in gudikat qabel ma tkun giet imressqa t-tieni talba fuq l-istess;

38. Illi kif gie sostenut fl-istess sentenza ***Bank of Valletta vs. Caruana*** fuq citata, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33.), aktar qabel):

"Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta' motivi tal-*causa petendi"*;

39. Illi jirrizulta pacifikament assodat li dak li qed jintalab fil-procedura odjerna kien gia` gie effettivament deciz mill-Bord *de quo*, li l-access ghalih kien debitament moghti esklussivament lir-rikorrenti fit-termini tal-Istatut tal-Assocjazzjoni kalcistika lokali, u konsegwentement, anke r-rekwizit tal-***eadem personae*** jirrizulta debitament sodisfatt;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati ippruvaw l-ewwel eccezzjoni preliminari minnhom ipprezentata, u konsegwentement, mhux meqjus necessarju li tinvesti wkoll iz-zewg eccezzjonijiet preliminari l-ohra involuti, u ghalhekk:"

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"jogoghba tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Gunju 2017 fejn akkoljiet l-ewwel risposta (eccezzjoni) ta' natura preliminari tal-intimati appellati u ddikjarat li l-mertu tal-procedura odjerna gia` gie deciz definittivament u ghalhekk ghadda in gudikat, billi tichad tali eccezzjoni preliminari u tibghat lura l-process lill-Ewwel Qorti sabiex tiddecidi l-mertu.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

6. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

7. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

8. Illi f'din il-kawza l-attur jghid li rrenda diversi servizzi lill-club tal-football konvenut u ghalkemm gieli nghata xi hlas akkont fadallu jiehu s-somma ta' €11,900, li l-club irrikonoxxa li ghandu jhallas lill-attur fuq skrittura datata 30 ta' Gunju, 2012. Fuq din l-iskrittura l-konvenuti l-ohra Apap, Ciantar u Schembri iffirmaw l-obbligazzjoni bhala garanti ghall-club. Hadd mill-konvenuti ma hallas lill-attur li fetah din il-kawza ghall-kundanna tal-hlas ta' dak li baqa' dovut. Il-konvenuti, in linea preliminari, eccepew li ghat-talba hemm gudikat peress li l-attur ressaq l-istess talba ghall-hlas quddiem il-*Players, Coaches, Players' Agents and Member Clubs Complaints Board tal-Malta Football Association*, u din giet michuda. L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni u rrespingiet l-azzjoni tal-*player* issa attur appellant.

9. L-attur appella mis-sentenza u jghid li l-gudikat, biex jezisti, irid ikun hemm decizjoni minn organu gudizzjarju jew korp imwaqqaf bil-ligi. Din il-Qorti tghid mill-ewwel li hi taqbel mal-aggravju tal-attur. Fl-ordinament guridiku Malti, ir-*res judicata* tkun trid tolqot sentenza ta' organu stabbilit bil-ligi, u mhux xi bord intern ta' club jew assocjazzjoni bhalma hi l-M.F.A. L-ewwel sentenza li taghti lok ghall-gudikat trid ikollha l-possibilita` li tigi ezegwita u trid tkun fornita bl-ghodda ghall-ezekuzzjoni taghha. Ir-regoli

interni ta' xi ghaqda jorbtu lill-membri ghall-finijiet tal-partecipazzjoni taghhom fl-istess ghaqda, izda ma jirregolawx id-drittijiet civili tal-istess membri. L-ghaqda jista' jkollha s-sanzjonijiet taghha ghal min ma jsegwix ir-regoli taghha, u fl-esekuzzjoni ta' dawk ir-regoli tkun trid issegwi r-regoli ta' gustizzja naturali, pero`, jibqghu dejjem impregjudikati d-drittijiet civili ta' dak il-membru.

10. F'dan il-kaz, it-talba tal-attur giet michuda mill-Bord aktar qabel imsemmi mhux fuq is-sahha ta' xi ligi, izda a bazi ta' skadenza ta' terminu impost fl-*M.F.A. Handbook*, li jkompli juri li ma hemmx impediment guridiku ghat-talba tal-attur f'din il-kawza. Din id-decizjoni interna tal-Bord tal-M.F.A. ma pprivatx u ma setghetx tippriva lill-attur mid-drittijiet li ghandu skont il-ligi tal-pajjiz. Jista' jkun li l-attur jigi sospiz mill-M.F.A. jekk jirrizulta li jkun agixxa civilment minghajr awtorizzazzjoni tal-istess Assocjazzjoni, pero`, din hija sanzjoni interna u ma xxejjinx id-dritt ta' cittadin li jitlob rimedju quddiem il-qrati civili tal-pajjiz.

11. Interessanti hija l-kawza fl-ismijiet "**<u>Fava et v. Gulia noe</u>**", deciza minn din il-Qorti, sede inferjuri, fil-11 ta' Mejju, 1964, (Kollez. Vol. XLVIII.I.706) fejn intal li r-regoli tal-assocjazzjoni tal-football ma humiex parti mil-ligi tal-pajjiz, u ghalkemm hija projbita obbligazzjoni kuntrarja ghal-ligi jew l-ordni pubbliku, f'dan l-ambitu ma jidhlux ir-regoli tal-assocjazzjoni. La dawn ir-regoli ma humiex meqjusa bhala "ligi" tal-pajjiz,

l-applikazjoni taghhom ma jistghux jitqiesu li jistghu jorbtu civilment lill-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur George Mallia billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz u tiddecidih skont il-ligi.

L-ispejjez tal-kawza sa issa jithallsu mill-erba' konvenuti kollha *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr